# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta' April 2023**

**Rikors Numru 744/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Ludwig Calleja, indikat bħala Ludwig Callejja fil-kuntratti relattivi (Karta tal-Identità numru 433173M) u martu Claire Calleja indikata bħala Claire Callejja fil-kuntratti relattivi (Karta tal-Identità numru 337374M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Awissu 2022, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet s-segwenti:

> *1. Illi in forza ta' erba' kuntratti separati, il-Bank attur ikkonċeda s-segwenti faċilitajiet bankarji lill-konvenuti, ilkoll konsistenti f'self tat-tip Maxicredit:*
>
> *i. Self fis-somma ta' tnax-il elf lira Maltija (Lm12,000) ekwivalenti għal sebgħa u għoxrin elf, disa' mija u tnejn u ħamsin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€27,952.48) mogħti in forza ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone fl-1 ta' Awissu 2005 (kopja annessa bħala Dok. A) u dan wara sanction letter maħruġa mill-Bank* attur datata 26 ta' April 2005 *(kopja annessa bħala Dok. B), aktar 'l isfel imsejjaħ l-ewwel self;*
>
> *ii. Self fis-somma ta' erbatax-il elf u ħames mitt lira Maltija (Lm14,500) ekwivalenti għal tlieta u tletin elf, seba' mija u ħamsa u*

*sebgħin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€33,775.91) mogħti in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone ukoll fl-1 ta' Awissu 2005 (kopja annessa bħala Dok. C) u dan wara sanction letter maħruġa mill-Bank attur datata 25 ta' Lulju 2005 (kopja annessa bħala Dok. D), aktar 'l isfel imsejjaħ it-tieni self;*

*iii. Self fis-somma ta' tlettax-il elf lira Maltija (Lm13,000) ekwivalenti għal tletin elf, mitejn u wieħed u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€30,281.85) mogħti in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone fit-2 ta' Ottubru 2006 (kopja annessa bħala Dok. E) u dan wara sanction letter maħruġa mill-Bank attur datata 5 ta' Settembru 2006 (kopja annessa bħala Dok. F), aktar 'l isfel imsejjaħ it-tielet self;*

*iv. Self fis-somma ta' sitt elef liri Maltin (Lm6,000) ekwivalenti għal tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) mogħti in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone fl-10 ta' Settembru 2007 (kopja annessa bħala Dok. G) u dan wara sanction letter maħruġa mill-Bank attur datata 13 t' Awwissu 2007 (kopja annessa bħala Dok. H), aktar 'l isfel imsejjaħ ir-raba' self;*

*2. Illi wara xi snin jagħmlu pagamenti regolari fuq l-erba' kontijiet fuq imsemmija, il-konvenuti waqfu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letters u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond it-termini u l-kundizzjonijiet kemm tal-istess sanction letters kif ukoll tal-kuntratti ta' self relattivi;*

*3. Illi l-konvenuti illum huma għalhekk debituri tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' mija u tlett elef, disa' mija u tmienja u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€103,998.48) dovuta kif hawn taħt spjegat:*

*i. Fuq l-ewwel self, l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf, tmien mija u għaxar Ewro u tletin ċenteżmu (€25,810.30) dovut in kwantu għal għoxrin elf, disa' mija u wieħed u sebgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€20,971.12) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti erbat elef, tmien mija u disgħa u tletin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€4,839.18) bħala imgħax ikkalkulat sat-2 ta' Awwissu 2022 kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 18008863 immarkat bħala Dok. I, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-3 ta' Awwissu 2022 sad-data tal-pagament effettiv;*

*ii. Fuq it-tieni self, l-ammont ta' sebgħa u tletin elf, mija u sitta u tmenin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€37,186.78) dovut in kwantu għal tmienja u għoxrin elf, mija u disgħa u ħamsin Ewro u ċenteżmu (€28,159.01) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti disat elef, u sebgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€9,027.77) bħala imgħax ikkalkulat sat-2 ta' Awwissu 2022 kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 14114288 immarkat bħala Dok.*

*J, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-3 ta' Awwissu 2022 sad-data tal-pagament effettiv;*

*iii. Fuq it-tielet self, l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf, tmien mija u erbgħa u tletin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€28,834.21) dovut in kwantu għal tlieta u għoxrin elf, mija u erbgħin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€23,140.11) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti ħamest elef, sitt mija u erbgħa u disgħin Ewro u għaxar ċenteżmi (€5,694.10) bħala imgħax ikkalkulat sat-2 ta' Awwissu 2022 kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 18023556 immarkat bħala Dok. K, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit- 3 ta' Awwissu 2022 sad-data tal-pagament effettiv fuq it-tielet self;*

*iv. Fuq ir-raba' self, l-ammont ta' tnax-il elf, mija u sebgħa u sittin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€12,167.19) dovut in kwantu għal għaxart elef, tmien mija u tmienja u ħamsin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€10,858.70) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti elf, tliet mija u tmien Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,308.49) bħala imgħax ikkalkulat sat-2 ta' Awwissu 2022 kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 18037480 immarkat bħala Dok. L, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-3 ta' Awwissu 2022 sad-data tal-pagament effettiv;*

*4. Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati biex iħallsu l-ammonti dovuti fuq dawn il-kontijiet imsemmija, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 11 ta' Diċembru 2015 li ġġib in-numru 4127/2015 (Dok. M), baqgħu inadempjenti;*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara illi l-konvenuti Ludwig u Claire Calleja, indikati fil-kuntratti fuq imsemmija bħala Callejja huma debituri solidali tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' mija u tlett elef, disa' mija u tmienja u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€103,998.48) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-3 ta' Awwissu 2022 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(ii) Tikkundanna lill-istess konvenuti iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' mija u tlett elef, disa' mija u tmienja u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€103,998.48) bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mit-3 ta' Awwissu 2022 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 11 ta' Diċembru 2015 (Ittra numru 4127/2015) u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi l-intimati ġew notifikati permezz ta’ pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta’ Diċembru 2022 (fol 83), kif ukoll fil-gazzetti lokali In-Nazzjoni tat-18 ta’ Jannar 2023 (fol 84) u The Malta Independent tat-18 ta’ Jannar 2023 (fol 85), u bl-affissjoni ġewwa l-Għassa u Kunsill Lokali tal-Imġarr, Malta u l-indirizz tagħhom Sunflower, 30, Triq Ħarruba, Mġarr Malta (fol 78).

3. Rat illi fid-19 ta’ Jannar 2023, meta ssejħet il-kawża, l-intimati ma dehrux biex jirrispondu għal dak mitlub.

4. Rat illi fid-19 ta’ Jannar 2023, il-Qorti ġiet infurmata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jittransiġu.

5. Rat illi fl-14 ta’ Marzu 2023, il-Qorti ġiet infurmata illi transazzjoni ma ntlaħqitx u l-Bank rikorrent insista li l-kawża tiġi deċiża.

6. Rat illi ma daħlu ebda eċċezzjonijiet, u għalhekk l-intimati kienu kontumaċi.

7. Rat l-affidavit ta’ Alexia Caruana ippreżentat fl-14 ta’ Marzu 2023.

8. Rat illi fl-14 ta’ Marzu 2023, il-Bank rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippreżenta.

9. Rat illi fl-14 ta’ Marzu 2023, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet tal-kontumaċi intimati.

10. Rat illi fit-22 ta’ Marzu 2023, is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat nota illi biha rriduċiet l-ammont mitlub għas-somma ta’ €101,065.12, kif aħjar deskritt fin-nota a fol 113 tal-proċess.

11. Rat illi fit-3 ta’ April 2023 daħlu s-sottomissjonijiet tal-kontumaċi.

12. Rat is-sottomissjonijiet tal-Bank rikorrenti illi daħlu fl-4 ta’ April 2023.

13. Rat illi fl-4 ta’ April 2023 il-kawża ġiet differita għal-lum, għas-sentenza.

14. Jirriżulta, mill-provi, illi l-intimati ngħataw varji faċilitajiet bankarji mis-soċjeta' rikorrenti, bdew ikunu irregolari fil-pagamenti mensili illi kellhom jagħmlu, tant illi s-soċjeta' rikorrenti wasslet sabiex għamlet il-proċeduri odjerni.

15. Jirriżulta illi, fil-mori tal-kawża, saru varji pagamenti da’ parte ta’ l-intimati, bir-riżultat illi l-ammont mitlub ġie ridott minn €103,998.45 għal €101,065.12.

16. Jirriżulta illi, għalkemm l-intimati, fis-sottomissjonijiet tagħhom, jikkontendu illi l-azzjoni qatt ma messha ġiet intavolata, peress illi dejjem ħallsu, jirriżulta, mill-istatements eżebiti mis-soċjeta' rikorrenti, illi, sa qabel inbdew il-proċeduri odjerni, l-pagamenti ma kinux regolari, għalkemm jidher illi kienu qed isiru, bir-riżultat illi l-intimati kienu qed jiksru l-kundizzjonijiet tas-self lilhom mogħtija.

17. Jirriżulta, għalhekk illi s-soċjeta' rikorrenti kienet ġustifikata illi tagħmel l-azzjoni odjerna.

18. Jirriżulta, għalhekk illi ma hemm ebda raġuni għaliex dina l-Qorti ma għandhiex tilqa' t-talba rikorrenti, kif ridotta permezz ta' nota ppreżentata fit-22 ta' Marzu 2023.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u rat il-provi prodotti;

Wara illi rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-kontumaċi kif ukoll tas-soċjeta' rikorrenti;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tiddikjara** illi l-konvenuti Ludwig u Claire Calleja, indikati fil-kuntratti fuq imsemmija bħala Callejja huma debituri solidali tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' mitt elf u elf, ħamsa u sittin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€101,065.12) dovuta kif fuq spjegat.

**Tikkundanna** lill-istess konvenuti jħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' mitt elf u elf, ħamsa u sittin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€101,065.12).

**L-Imgħax** huwa dovut fuq il-bilanċ tal-kapital ta' kull wieħed mill-faċilitajiet bankarji illi jikkomponu l-ammont mitlub u hekk likwidat, kif indikati fin-nota tat-22 ta' Marzu 2023, bir-rata ta' imgħax ġia miftiehma bejn il-partijiet.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 11 ta' Diċembru 2015 (Ittra numru 4127/2015) u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenuti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**